MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1046/2004

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company surrogata fid-drittijiet ta' Emmanuel Zahra u l-istess Emmanuel Zahra**

**Vs**

**Elizabeth Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta Mejju 2004, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija disgha u sebghin lira erbgha u tletin centezmu (Lm379.34) rapprezentanti danni kawzati fil-vettura tal-attur per konsegwenza ta incident stradali li sehh nhar il-15 ta Frar 2004 bejn il-vettura Hyundai numru IAT 312 misjuqa mill-attur u Citroen numru GJC 001 misjuqa mill-konvenuta ghal liema incident l-istess konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali ta' llum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax legali dekorribbli minn notifika ta dan l-avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta fit-30 ta Lulju 2004 fejn ikkontestat it-talba attrici stante li l-inicident in kwistjoni sehh minnhabba tortijiet imputabbli lill-istess attur Zahra u hija ma kellha ebda htija ghall-istess.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Illi skond ir-rapport u skizz imhejji minn PS201 Sandro Magri li kkonferma l-istess bil-gurament tieghu esebiti bhala Dok SM1 u SM2, l-incident in kwistjoni li sehh gewwa Aldo Moro street, Marsa, gie kawzat meta il-konvenuta kisret f'daqqa lejn ir-roundabout u laqtet il-vettura tal-attur li kienet miexja fl-istess direzzjoni fuq il-karreggjata ta barra.

Jigi notat li ghalkemm il-kwantum tad-danni rikjesti gew kkonfermati bil-gurament minn Mario Mifsud, tali fattur ma jidhirx li qed jigi kontestat mill-konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha.

Fix-xhieda tieghu, l-attur Emmanuel Zahra jikkonferma bil-gurament l-verzjoni tieghu kif rappurtata a tempo vergine f'Dok SM1.

Il-konvenuta tghid li hija kienet qieghdha ssuq f'Aldo Moro street fid-direzzjoni tal-Belt pero kellha l-intenzjoni li taqbad ir-roundabout li tinsab ftit aktar 'l hinn mill-Marsa Sports Club. Kif bdiet tavvicina r-roundabout, bdiet tipprepara sabiex tidhol fl-ahhar karreggjata, cioe dik ta barra u l-kollizzjoni sehhet fil-mument li hija kienet qed taqbez mit-tieni ghat-tielet karreggjata. Hija tighid li qabel bdiet taghmel din il-manuvra harset mill-mera biex tara kienux gejjin vetturi u kif ukoll xeghlet l-indicator. Hija ma rat xejn gej u hekk kif bdiet taqsam il-karreggjata hasset daqqa fuq il-bieba ta wara fuq in-naha tax-xufier. Fl-istess

hin hija tikkonferma li kien minnu li hija tat il-verzjoni li tidher rappurtata f'Dok SM1 pero tkompli tghid li dak il-kliem kienet qalitu meta kienet taht xokk u ma kinietx taf ezattament x'kienet qed tghid.

It-Tribunal hawn jinnota li filwaqt li l-attur kien konsistenti fil-verzjoni tieghu, hemm differenza kbira fiz-zewg verzjonijiet moghtija mill-konvenuta. Filwaqt li quddiem it-Tribunal hija donnha xehdet li qabel ma kisret minn karreggjata ghall-ohra kienet hadet il-prekawzjonijiet kollha biex tassigura li l-karreggjata li kienet diehla fiha kienet libera mit-traffiku, quddiem il-pulizia a tempo vergine qalet zewg frazijiet tassew komprometTenti ghaliha u cioe "I was uncertain where to proceed" u "I turned suddenly". Oltre tali osservazzjoni, huwa tajjeb ukoll li jigi notat li anke jekk ghas-sahha tal-argument jigi koncess li l-verzjoni li tat quddiem it-Tribunal hija korretta, xorta wahda ghandu jirrizulta li hija kienet negligenti fis-sewqan taghha. Fil-fatt huwa ammess li l-konvenuta riedet taghmel manuvra li taqleb minn karreggjata ghall-ohra filwaqt li l-attur kien miexi dejjem dritt fil-karreggjata tieghu. Ghalhekk kien jispetta lill-konvenuta li tassikura ruhha sewwa li l-karreggjata fejn riedet tidhol kienet libera ghat-traffiku u li ma kienitx sejra tohloq ostakolu bil-manuvra taghha. Il-fatt li xeghlet l-indicator ma jtihix id-dritt li taqbad u tikser. Il-fatt li hija harset mill-mera ma hiex kunsidrata bhala "look out" bizzejjed meta tkun ser taghmel manuvra simili peress illi tali manuvra tirrikjedi li (1) trid tahseb ghaliha ferm qabel u mhux fil-mument meta tigi biex iddur u (2) il-look out trid issir b'mod fiziku li ddawwar rasek u thares fizikament u mhux tiddependi fuq il-vista li ttik il-mera u dana peress illi huwa ben risaput li l-mera ma ttikx vizjoni shiha stante li dejjem ikun hemm blind spot. Il-konvenuta kellha toqghod ferm aktar attenta wkoll peress illi t-trieq in kwistjoni hija ferm traffikuza u l-vetturi jkunu gejjin ghad-dritt b'certa velocita u ghalhekk mhux la kemm taqbad u ddur minn karreggjata ghall-ohra.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, kwindi jilqa t-talba tal-atturi, jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in

kwistjoni u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-atturi s-somma kif mitluba ta tliet mija u disgha u sebghin lira erbgha u tletin centezmu (Lm379.34) bl-imghax legali dekorribbli mit-23 ta Lulju 2004 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------